## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **776/2021 (AD)**

**Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1159/2021 (NC) fl-ismijiet:**

## D. PEAK LIMITED (C 12224)

**vs**

## RACHEL MARIE XUEREB (KI 196500L) u CARMEN VASSALLO (KI 384567M)

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali dwar talba ta' Carmen Vassallo magħmula ai termini tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1159/2021 NC;

**Preliminari**

2. B’rikors preżentat nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta’ Lulju 2021, is-soċjeta’ D. Peak Limited talbet il-ħruġ ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju fil-konfront ta’ Rachel Marie Xuereb u Carmen Vassallo, u dan in kawtela tal-kreditu ta’ erbgħin elf Ewro (€40,000), rappreżentanti l-bilanċ minn somma akbar in segwitu ta’ bejgħ u akkwist tal-*penthouse* bl-arja relattiva tagħha mingħajr numru uffiċjali u mingħajr isem, internament immarkata bin-numru għaxra (10) formanti parti mill-blokk mingħajr numru uffiċjali u bl-isem ‘Aveira’ fi Triq Santa Margerita, Siġġiewi, Malta, kif ukoll tal-garaxx mingħajr numru uffiċjali u mingħajr isem, internament immarkat bin-numru ħamsa u għoxrin (25) formanti parti mill-kumpless ta’ garaxxijiet fi Triq Santa Margerita, Siġġiewi, Malta;

3. Din il-Qorti kif diversament presjeduta laqgħet it-talba tas-soċjeta’ D. Peak Limited biex jinħareġ il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju kif rikjest (mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 1159/2021 NC) nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta’ Lulju 2021 stess;

4. B’rikors preżentat nhar il-ħamsa (5) t’Awwissu 2021, is-sekwestrata Carmen Vassallo talbet lil din il-Qorti sabiex tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru limitatament fi-konfront tagħha, u dan senjatament, iżda mhux esklussivament, ai termini tal-art. 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

5. B’risposta datata sitta (6) ta’ Settembru 2021, is-soċjeta’ D. Peak Limited opponiet għat-talba ta’ Carmen Vassallo sabiex il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 1159/2021 NC jiġi parzjalment revokat, u dan għal diversi raġunijiet, fosthom illi minkejja illi Carmen Vassallo ma kinitx dehret fuq il-kuntratt illi permezz tiegħu ġiet akkwistata l-proprjeta’ suriferit, hija kienet għaddiet ċekk fl-ammont ta’ erbgħin elf Ewro (€40,000) lis-soċjeta’ rikorrenti illi baqa’ ma ssarrafx, u, konsegwentement, irrendiet ruħha responsabbli għall-ħlas ta’ dan l-ammont.

**Fatti tal-Każ**

6. Huwa fatt mhux kontestat illi permezz ta' kuntratt ta' bejgħ datat tnax (12) ta' Marzu 2021 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Roderick Caruana[1], Rachel Marie Xuereb akkwistat mingħand is-soċjeta' D. Peak Limited: (a) il-*penthouse* bl-arja relattiva tagħha u mingħajr is-sottoswol, mingħajr numru uffiċjali u mingħajr isem pero internament immarkata bin-numru għaxra (10) formanti parti mill-blokk t'appartamenti magħruf bl-isem 'Aveira' fi Triq Santa Margerita, Siġġiewi, Malta; u (b) il-garaxx mingħajr numru uffiċjali u mingħajr isem, internament immarkat bin-numru ħamsa u għoxrin (25) formanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet fil-*lower basement level* b'aċċess minn Triq Santa Margerita Siġġiewi;

7. Il-partijiet qegħdin jaqblu wkoll illi l-bejgħ sar versu l-prezz globali ta' erba' mitt elf Ewro (€400,000), illi minnhom tħallsu erbgħin elf Ewro (€40,000) bħala depositu akkont tal-prezz, u r-rimanenti somma ta' tliet mija u sittin elf Ewro (€360,000) kellhom jitħallsu meta ġie ffirmat il-kuntratt;

8. Finalment, jirriżulta mill-kuntratt datat tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar 2021 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Psaila[2], illi Carmen Vassallo kienet tat b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli s-somma ta' erba' mitt elf Ewro (€400,000) lil Rachel Marie Xuereb, sabiex tintuża mill-istess Xuereb biex tħallas il-prezz intier għax-xiri tal-proprjeta' suriferita, u cioe l-*penthouse* u l-garaxx;

**It-Talba għal Revoka mis-Sekwestrata Carmen Vassallo**

9. Permezz ta' rikors preżentat nhar il-ħamsa (5) t'Awwissu 2021, Carmen Vassallo ppremettiet:

   a. Illi s-soċjeta' sekwestranti talbet u ottjeniet mandat ta' sekwestru fil-konfront ta' Rachel Marie Xuereb u Carmen Vassallo, għas-somma ta' erbgħin elf Ewro (€40,000) rappreżentanti l-bilanċ ta' somma

[1] Anness mar-rikors odjern u mmarkat **Dok CV1**
[2] Anness mar-rikors odjern u mmarkat **Dok CV2**

akbar, in segwitu ta' bejgħ u akkwist tal-immobbli *ivi* hemm deskritt, li għadha ma tħallsitx u li hi qegħda tippretendi li tikkawtela;

b. Illi, kif jirriżulta minn **Dok CV1** anness mar-rikors odjern, is-sekwestrata Carmen Vassallo ma għandha ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' sekwestranti, u lanqas ma hija involuta b'xi mod fit-trasferiment, u dan kif jidher *icto oculi* mill-kuntratt ta' bejgħ *de quo*;

c. Illi, il-fatt li Carmen Vassallo, omm is-sekwestrata Rachel Marie Xuereb, tatha l-flus b'titolu ta' donazzjoni sabiex takkwista l-proprjeta' msemmija, ma joħloq ebda stat ta' fatt jew vinkolu bejn is-soċjeta' sekwestranti u r-rikorrenti;

d. Illi, għalhekk jeħtieġ li dan il-mandat jiġi revokat fil-konfront tas-sekwestrata rikorrenti għax pależement jirriżulta li *prima facie* l-mandat m'għandux jissussisti fil-konfront tar-rikorrenti;

e. Illi, mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, ġie rilevat li s-sekwestrata ġiet notifikata bil-mandat ta' sekwestru odjern iżda sprovvista mill-kopja ta' rikors ġuramentat;

10. Għaldaqstant, ir-rikorrenti talbet illi l-mandat ta' sekwestru jiġi revokat limitatament fil-konfront tagħha, u dan senjatament, iżda mhux esklussivament, ai termini tal-Art 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Risposta għat-Talba għal Revoka mis-Soċjeta' Sekwestranti D. Peak Limited**

11. Mill-banda l-oħra, b'risposta preżentata nhar is-sitta (6) ta' Settembru 2021, is-soċjeta' D. Peak Limited eċċepiet:

a. Illi t-talbiet ta' Carmen Vassallo għar-revoka parzjali ta' dan il-mandat ta' sekwestru huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda kontriha bl-ispejjeż, u dan għar-raġunijiet illi jsegwu:

b. Illi t-talbiet ta' Carmen Vassallo qed isiru a bażi tal-Art 836(1)(d) u cioe għaliex skont hi l-ammont mitlub mhux *prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;*

c. Illi minkejja li Carmen Vassallo ma dehritx fuq il-kuntratt tan-Nutar Dottor Roderick Caruana tat-12 ta' Marzu 2021, kienet l-istess Carmen Vassallo illi dakinhar stess tal-kuntratt irrilaxxat ċekk fis-somma ta' tliet mija u sittin elf Ewro (€360,000) bħala pagament għall-bilanċ ta' prezz li kien għadu dovut fuq l-imsemmi kuntratt. Dan iċ-ċekk ma ssarrafx u eventwalment ġie mħassar;

d. Apparti minn hekk, l-istess Carmen Vassallo kienet, għaxart ijiem wara, ħarġet bank draft fis-somma ta' tliet mija u għoxrin elf Ewro (€320,000) u ċekk mill-kont personali tagħha fis-somma ta' erbgħin elf Ewro (€40,000) lil D. Peak Limited bħala ħlas tas-somma ta' tliet mija u sittin elf Ewro (€360,000) li kellhom jitħallsu minnha bis-saħħa tal-ewwel ċekk li kienet ħarġet. Minkejja li l-bank draft issarraf, iċ-ċekk baqa' ma ssarrafx u eventwalment ġie mħassar;

e. Barra minn hekk, il-bank tas-soċjeta' D. Peak Limited, u cioe l-Bank Lombard Bank plc, bagħat jinforma lil D. Peak Limited illi l-imsemmija Carmen Vassallo kienet saħansitra għalqet il-kont li minnu kienet ħarġet iċ-ċekk fis-somma ta' erbgħin elf Ewro (€40,000);

f. Għalhekk l-imsemmija Carmen Vassallo kienet b'qerq sħiħ, u frodi fil-konfront tas-soċjeta' D. Peak Limited, ħarġet ċekk li kienet taf li ma kienx ser ikun qed jissarraf;

g. Għaldaqstant, indipendentement mill-fatt illi Carmen Vassallo ma kinitx kompratriċi fuq dak il-kuntratt, l-imsemmija Carmen Vassallo għandha ċertament ness kawżattiv in kwantu din iffordat lis-soċjeta' D. Peak Limited;

h. In oltre, l-ammont tal-mandat m'huwa xejn għajr is-somma ta' erbgħin elf Ewro (€40,000) li kellha titħallas biċ-ċekk datat l-ewwel (1) t'April 2021;

i. Konsegwentement, mhux talli l-ammont huwa *prima facie* ġustifikat, u ċertament mhux eċċessiv, talli bl-aġir tagħha l-imsemmija Carmen Vassallo rrendiet ruħha responsabbli flimkien u solidalment ma' bintha Rachel Marie Xuereb, in dolo, għall-ħlas ta' dan l-ammont;

j. Illi huwa rrilevanti li l-imsemmija Carmen Vassallo kienet tat b'donazzjoni xi flejjes lil bintha. Jekk xejn hija bintha li għandha wkoll jedd t'azzjoni kontriha. Dan ma jfissirx pero' illi dan jeżoneraha mid-dolo li wettqet fil-konfront tas-soċjeta' D. Peak Limited;

k. Għaldaqstant, it-talbiet ta' Carmen Vassallo għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontriha.

**Il-Qorti**

12. Wara illi rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet u l-atti kollha preżentati;

13. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet dwar ir-Revoka Parzjali tal-Mandat *In Vigore***

14. Il-materja in eżami tikkonċerna talba għal revoka ta' mandat kawtelatorju ai termini tal-Artikoli 836(1)(d) tal-Kap 12, liema artiklu jistabbilixxi illi:

> *836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal*

*kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
*[...]*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;*

15. Ir-rikorrenti qed issostni illi l-mandat odjern għandu jiġi revokat fil-konfront tagħha stante illi hi ma kellhiex x'taqsam mat-trasferiment in kwestjoni. Mill-banda l-oħra, is-soċjeta' D. Peak Limited qed targumenta illi meta Carmen Vassallo għaddiet pagamenti lis-soċjeta' D. Peak Limited bħala pagament għall-bilanċ ta' prezz li kien għadu dovut fuq it-trasferiment in kwestjoni, hija rrendiet ruħha responsabbli, flimkien u solidalment ma' bintha Rachel Marie Xerueb, in dolo, għall-ħlas ta' dan l-ammont;

16. Din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet fl-ismijiet ***Johan Huy pro et noe vs Mark Attard***[3], spjegat:

*20. Bħala daħla, tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu illi mandat kawtelatorju huwa maħsub biex iħares pretensjoni ta' kreditur sakemm tinqata' kawża, ħalli jekk kawża tinqata' favurih, huwa jkun jista' jinforza s-sentenza fuq il-ġid tad-debitur li jkun ġie milqut bil-mandat. Fi kliem ħafif, il-mandati kawtelatorju qegħdin hemm, ħalli sakemm tinqata' l-kawża, id-debitur ma jaħbix flusu jew ma jnaqqasx minn ġidu biex dan jevita milli jħallas lill-kreditur f'każ li d-debitur joħroġ tellief mill-kawża (ara* **Ignazio Gatt v. Żakkarija Calleja** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2019). Għalhekk il-mandati kawtelatorji huma sa ċertu punt għodda ta' serħan tal-moħħ għall-kreditur, li huwa ħa jkollu minn fejn jista' jitħallas jekk jingħata raġun fis-sentenza finali;*

[3] Rik Nru 656/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Christian Falzon Scerri, 21 ta' Lulju 2021

17. Tajjeb illi jiġi wkoll imfakkar illi l-istħarriġ illi tagħmel il-Qorti f'rikors bħal dak odjern huwa pjuttost limitat, u d-deċiżjoni illi tieħu l-Qorti f'dan l-istadju m'għandux jiġi interpretat bħala ġudizzju ta' kwalsiasi xorta dwar il-mertu tal-kawża. Hekk ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta f'digriet fl-ismijiet ***Dom Communications Ltd vs Office Group Limited***[4]:

> *"Tqis illi Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li fuqu qegħda tistrieħ is-sekwestrata fit-talba tagħha għar-revoka tal-Mandat, huwa msejjes fuq eżami prima facie li jrid isir biex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le jew huwiex eċċessiv:*
>
> *[...]*
>
> *Tqis illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża **"Camilleri vs Govè et"** deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem:*
>
> > *"mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura*

[4] Ċit Nru 1183/2014, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Lawrence Mintoff, 28 t'April 2015. Ara wkoll ***Fatima Zahra Zeroual vs Hashin Kuduzovic***, Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 1009/17, Onor Imħ Francesco Depasquale, 13 ta' Mejju 2021

*preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja.”*

*Tqis illi fl-ambitu tal-eżami prima facie li jrid isir minn din il-Qorti skont din il-proċedura sabiex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le, ikun xi jkun l-eżitu ta' dan l-eżami prima facie, kemm jekk tiġi milqugħha t-talba għar-revoka tal-Mandat u kemm jekk ma tiġix milqugħa, dan bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża dwar il-mertu.*

*Tqis illi f'każ li tiġi milqugħha t-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat wara l-aċċertament prima facie li jrid isir skont din il-proċedura, xorta waħda t-talbiet fil-mertu jistgħu jirnexxu wara li jkunu nstemgħu l-provi kollha fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Bl-istess mod f'każ li t-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat tiġi miċħuda wara l-eżami prima facie li jsir skont l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dan ma jfissirx li t-talbiet fil-mertu bilfors se jirnexxu. Eżami prima facie huwa wieħed preliminari, mhux fil-fond, u dak li jirriżulta mad-daqqa t'għajn.*

18. Sabiex, imbagħad, jitħassar mandat ai termini tal-art 836(1)(d) tal-Kap. 12, ġie senjalat fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Office Group Limited vs Jamar Malta Limited***[5]:

*Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida"*

[5] Rik Nru 688/2012, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph R Micallef, 10 t'Awwissu 2012

*tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti;*

*Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jkun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat;*

19. Fil-każ odjern, il-Qorti hija rinfaċċjata b'dawk illi jidhru illi huma żewġ kontrattazzjonijiet, illi, għalkemm relatati, kienu separati u distinti minn xulxin: l-ewwel ftehim kien kuntratt ta' donazzjoni bejn ir-rikorrenti u bintha Rachel Marie Xuereb, u t-tieni ftehim kien kuntratt ta' bejgħ bejn is-soċjeta' sekwestranti u Rachel Marie Xuereb. Il-flus illi ngħataw b'donazzjoni mir-rikorrenti lil bintha Rachel Marie Xuereb, kienu intiżi sabiex jiffinanzjaw l-akkwist tal-proprjeta' mingħand is-soċjeta' D. Peak Limited mill-istess Xuereb; iżda, madanakollu, ir-rikorrenti Vassallo ma kienet fl-ebda punt parti mit-trasferiment tal-proprjeta' in kwestjoni;

20. Minn dak illi tista' tifhem il-Qorti mill-atti preżentati, ir-rikorrenti Carmen Vasallo ħallset direttament lis-soċjeta' D. Peak Limited, f'arranġament illi lil din il-Qorti, mad-daqqa t'għajn, u fl-assenza ta' prova fil-kuntrarju, jidhrilha illi kien wieħed ta' konvenjenza u prattiċita', cioe sabiex ma jkunx hemm skariġġ inutili ta' flus. Jiġi senjalat, iżda, illi l-fatt illi Carmen Vassallo kienet dik illi għaddiet il-flus direttament lil D. Peak Limited, <u>ma kienx sejjer jirrendi</u>

lil Carmen Vassallo debitriċi tas-soċjeta' D. Peak Limited, għaliex it-trasferiment tal-proprjeta' sar unikament bejn Rachel Marie Xuereb u s-soċjeta' D. Peak Limited. Ma nġabet l-ebda prova illi Carmen Vassallo assumiet xi dejn, jew illi sar xi ftehim bejn Carmen Vassallo u D. Peak Limited, anke jekk kienet hi illi effettivament għaddiet il-pagament. Għaldaqstant, fuq bażi *prima facie*, il-Qorti jidhrilha illi s-soċjeta' D. Peak Limited m'għandha l-ebda bażi ta' pretensjoni fil-konfront ta' Carmen Vassallo, għaliex, fl-aħħar mill-aħħar, hija Rachel Marie Xuereb illi akkwistat il-proprjeta' biex b'hekk irrendiet ruħha debitriċi fil-konfront tas-soċjeta' D. Peak Limited;

21. In oltre, il-Qorti tinnota illi l-mandat odjern ġie intavolat kemm kontra r-rikorrenti Carmen Vassallo, kif ukoll kontra bintha Rachel Marie Xuereb. Ma tressqet l-ebda prova mis-soċjeta' D. Peak Limited illi turi illi Rachel Marie Xuereb effettivament m'għandhiex il-mezzi finanzjarji sabiex tħallas il-bilanċ rimanenti, u li għalhekk hemm lok u/jew bażi illi fuqha l-mandat odjern għandu jinżamm in vigore fil-konfront ta' Carmen Vassallo wkoll għas-serħan tal-moħħ tas-soċjeta' kreditriċi fl-eventwalita illi l-istess soċjeta' sekwestranti tingħata raġun fis-sentenza finali;

22. Il-kwestjoni baqgħet dejjem bejn is-soċjeta' sekwestranti u Rachel Marie Xuereb, u, għalkemm jista' jkun hemm possibilta' illi jirriżulta fil-kawża fil-mertu illi Carmen Vassallo, b'xi mod, irrendiet ruħha komparteċipi peress illi kienet hi li ħarġet il-bilanċ, b'daqshekk ma jfissirx illi Rachel Marie Xuereb, u cioe d-debitriċi proprja, ġiet eżonerata milli tħallas kull bilanċ f'każ ta' nuqqas ta' versament tal-ħlas da parte ta' Vassallo. Il-Qorti hija għalhekk tal-fehma illi l-pretensjonijiet tas-soċjeta' sekwestranti xorta waħda jkunu ben kawtelati jekk il-mandat odjern jibqa' in vigore biss fil-konfront ta' Rachel Marie Xuereb;

23. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern, u l-ammont kawtelat permezz tiegħu, in kwantu dan sar fil-konfront ta' Carmen Vassallo, **mhuwiex** *prima faċie* ġustifikat u huwa eċċessiv. Konsegwentement, il-Qorti **tiddikjara illi ġie sodisfaċentement pruvat**

**illi tissussisti raġuni għar-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12**.

**Decide**

24. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tilqa'** t-talba tar-rikorrenti, u konsegwentement torda illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1159/2021 NC fl-ismijiet ***D. Peak Limited vs Rachel Marie Xuereb et*** jiġi revokat limitatament fil-konfront ta' Carmen Vassallo.

25. Għal kull buon fini jiġi dikjarat illi l-istess mandat ta' sekwestru għandu jibqa' fis-seħħ in kwantu dan jolqot lis-sekwestrata Rachel Marie Xuereb.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra s-soċjeta' sekwestranti D. Peak Limited.

**Digriet kamerali mogħti llum, għoxrin (20) ta' Settembru 2021.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Graziella Abela**
**Deputat Reġistratur**